MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 567/2004

**Leisure Support Services Limited li tiggestixxi d-ditta 'Watermelon Productions'**

**Vs**

**Kenneth Ruggier li jiggestixxi l-hanut 'Ethnics'**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm733.00c (seba' mija u tlieta u tletin lira Maltin) rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta ghar-reklami mxandra waqt il-programm 'Ghal Kulhadd' li xxandar fuq l-istazzjon televiziv 'Super 1 TV' minn Jannar, 2003 'il quddiem.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema’ lil Dr Chris Cilia li kkonferma li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm733.00c (seba’ mija u tlieta u tletin lira Maltin), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------